MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 532/2008

**Paul Camilleri (ID 24555 M) f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Paul Camilleri & Associates**

**vs**

**Oliver Ruggier (ID 57843 M)**

**It-Tribunal;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' elf, tlett mija, erbgha u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmi (€1374.33), rapprezentanti drittijiet dovuti lill-attur pro et noe ghal servizzi professjonali ta' perit arkitett u inginiera civili rezi minnu fuq inkarigu tal-konvenut u spejjez inkorsi minnu relatati ma` l-istess servizzi u dana skond ir-rikjesta ghal hlas annessa mat-talba.

Minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi anki permezz ta' ittra ufficjali huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju, 2007 u bl-imghax legali dekorribbli skond il-ligi, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008 mill-Avukat Louise Sant Fournier u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------